MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Numru. 47/2010

Il-Pulizija

(SpetturFrank Anthony Tabone)

Vs

Saviour Galea, bin Paul u Ruzarju nee' Portelli imwieled fis-06 ta' Frar 1950 u residenti fil-fond Maria, Triq Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24150(G).

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Saviour Galea li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Dicembru 2009 ghal habta ta' 15:30hrs fi Triq Qasam San Pawl, Kercem, Ghawdex:

1. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragini jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ta’ traffiku habat ma’ vettura KBJ 796 u ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Geoffrey Spiteri li kien qed isuq din il-vettura hekk kif iccertifika Dr. Joseph Vella MD mill-Isptar Generali ta’ Ghawdex.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-30 ta’ Marzu 2011.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi s-sinistru stradali mertu ta’ dina l-kawza sehh minhabba diversi fatturi fosthom il-konfigurazzjoni tat-triq, izda b’mod ewlieni minhabba l-fatt illi fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident kien hemm zewg vetturi ipparkeggjati fuq iz-zewg nahat opposti tat-triq. Fuq naha wahda u cioe’ fid-direzzjoni lejn l-Ghadira kien hemm trukk kbir filwaqt illi fuq in-naha l-ohra u cioe’ fuq in-naha tat-traffiku sejjer lejn il-pjazza ta’ Kercem kien hemm vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBF 643. Dana l-fatt wahdu ghalhekk wassal ghal konsegwenza illi dik il-parti tat-triq djieqet tant illi ma kenitx tippermetti zewg vetturi jghaddu biswit xulxin, u allura fl-eventwalita li jkun hemm it-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta ta’ xulxin, kien jinnecessita’ illi wiehed icedi lill-iehor. Bilfors ghalhekk illi s-sewwieq irid jezercita prudenza akbar meta jasal vicin dawn iz-zewg vetturi iktar u iktar tenut kont tal-fatt illi ftit ’il fuq minn dawn iz-zewg vetturi fid-direzzjoni mill-Ghadira lejn ta’ Kercem hemm liwja fit-triq.

Illi ghalhekk x'kienu d-doveri tas-sewwieqa f'dina l-parti tat-triq. L-ewwel nett it-traffiku li gej mid-direzzjon tal-pjazza sejjer lejn l-Ghadira jrid inaqqas mill-velocita hekk kif javvicina l-liwja fit-triq. Dana jrid isir bil-fors minhabba illi s-sewwieq ikollu l-vizwali tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta ostakolata minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq. Sewwieq ghalhekk ma jistax jibqa jsuq bl-istess velocita', izda jrid jirrallenta sabiex ikun jista' jevita xi kollizzjoni minhabba xi ostakolu li jista' jsib wara dina l-liwja. Illi l-Highway Code stess fir-regolament numru 220 ighid testwalment:

*Irregola s-sewqan tiehek ghat-tip u l-kondizzjoni tat-triq li tkun fiha.*
*· ikkunsidra l-kundizjonijiet tat-triq u tat-traffiku. Kun lest ghal sitwazzjonijiet mhux mistenija jew difficli, per ezempju li t-triq tkun imblukkata wara kantuniera. Kun lest biex taggusta l-velocita' tieghek bhala prekawzjoni.*

*· meta zewg vetturi li jkunu sejrin f'direzzjoni opposta jiltaqghu f'parti dejqa ta' triq, kemm il-darba ma jkunx hemm sinjali li jindikaw mod iehor, dak li jkun l-aktar qrib tal-parti l-wiesgha tat-triq ghandu jregga' lura biex ihalli l-vettura l-ohra tghaddi.*

*· meta zewg vetturi sejrin f'direzzjoni kontra xulxin jiltaqghu f'telgha, kemm il-darba s-sinjali ma jurux mod iehor, il-vettura li tkun tiela' ghandha d-dritta fuq il-vettura li tkun niezla*.

Fit-tieni lok, it-traffiku sejjer lejn il-pjazza ta' Kercem kellu necessarjment ukoll jirrallenta minhabba l-ostakolu li kien hemm fit-triq mahluq miz-zewg vetturi ipparkeggjata fuq in-naha l-opposta ta' xulxin, iktar u iktar meta wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni illi t-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta ghandu liwja li tostakolalu l-vizwali tieghu. Dana s-sewwieq allura jrid jirrallenta u javvicina dina l-parti tat-triq b'kawtela kbira. Illi l-Highway Code ukoll javza lis-sewwieqa fir-regolament numru 263:

"*Oqgħod attent speċjalment f'toroq arterjali u karreġġati oħra fuq żewġ naħat fejn isuqu high speed.*

• *Mogħdija waħda jew aktar jistgħu jkunu magħluqin għat-traffiku u tista' tkun teħtieġ tnaqqas il-veloċità”*.

Ikkunsidrat:

Illi maghmula ghalhekk dawn il-konsiderazzjonijiet jirrizulta illi kemm is-sewwieq tal-mutur u cioe’ l-parti leza kif ukoll l-imputat li kien qieghed isuq fid-direzzjoni l-opposta kellhom id-dmir li joqoghdu ferm attenti fis-sewqan taghhom minhabba dawn il-fatturi li kienu presenti fit-triq dak in-nhar. Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi s-sinistru stradali mertu tal-kawza sehh hekk kif il-parti leza Geoffrey Spiteri avvicina l-liwja li hemm fit-Triq Qasam San Pawl direzzjoni lejn l-Ghadira. Huwa ma kellux vizwali tajba tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta u ghalhekk ma setax jara illi hekk kif jabqez il-liwja t-triq kienet ser tidjieq minhabba l-fatt illi kien hemm zewg vetturi ipparkeggjati fuq in-naha l-oppost ta’ xulxin. Ghalhekk hekk kif qabad dina l-liwja huwa sab il-vettura tal-imputat gejja mid-direzzjoni l-opposta tieghu b’mod ghalhekk illi huwa inhasad, zamm il-brejk sabiex jipprova jwaqqaf il-mutur tieghu, izda minhabba l-fatt illi l-*breaking capacity* ta’ mutur huwa itwal minn dik ta’ vettura, ma kienx hemm bizzejjed distanza sabiex iwaqqaf fil-pront, il-mutur spicca sabiex skiddja, Spiteri imbezaq minn fuqu u tar ghal fuq il-vettura tal-imputat bil-konsegwenza illi sofra griehi ta’ natura gravi konsistenti fi ksur tal-femur. Illi ma hemmx dubbju ghalhekk illi kienet tinkombi fuq Spiteri illi jzomm prekawzjoni tajba qabel ma jasal ghall-liwja billi jnaqqas il-velocita tieghu b’tali mod illi seta’ jesplora dak li kien qieghed jigri fit-triq. Bil-fatt illi huwa baqa’ ghaddej bl-istess velocita, huwa ma setax iwaqqaf fil-pront hekk ki sab l-ostakolu ma’ wiccu u baqa’ diehel fil-vettura tal-imputat.

Dana kollu, madanakollu, ma jezonerax kompletament lill-imputat mir-responsabbilta’ tieghu wkoll ghal dana s-sinistru stradali. L-imputat kuntrarjament ghal Spiteri seta’ jara ben tajjeb illi t-triq kienet djieqet minhabba l-vetturi ipparkeggjati. Ghaldaqstant huwa seta facilment jipprevedi illi zewg vetturi ma setghux ighaddu hdejn

xulxin u li jekk hemm bzonn kien ser ikollu jcedi ghat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Jidher mix-xhieda tal-imputat madanakollu illi huwa ma hassx il-bzonn illi jirrallenta qabel ma dahal bejn iz-zewg vetturi. Huwa stess josserva illi dawn iz-zewg trakkijiet, kif isejhilhom kienu ipparkeggjati fil-kantuniera u li ghalhekk wiehed ma jistax jara kollox fic-car. Kien fid-dmir tal-imputat ghalhek li jzomm *a proper lookout* u jzomm kemm jista' jkun lejn in-naha tieghu tat-triq sabiex ma jkunx ta' ostakolu ghat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta.

Illi dwar il-griehi sofferti mill-parti leza ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni u fil-fatt id-difiza iddikjarat dana fil-verbal tas-07 ta' Ottubru 2010.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi responsabbli ghal dana s-sinsitru stradali hemm mhux biss l-imputat, izda il-parti leza stess, kif ukoll it-terzi injoti illi ipparkeggjaw b'mod irresponsabbli l-vetturi kbar taghhhom fi triq traffikuza, fuq in-naha l-opposta ta' xulxin, u iktar gravi, vicin kantuniera. Minhabba f'dawn ir-ragunijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi l-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-imputat ghandha tkun wahda miti tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' €500.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------